**31 ta' Ġunju, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Martin Farrugia

*versus*

John Mifsud *et*

**Appell - Appell minn Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell - Artikolu 227 u 20(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-attur ippropona azzjoni manifestament insostenibbli fil-liġi.*

*Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili espressament jipprovdi illi "ma hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell (artikolu 227). Sentenzi għandhom ikunu l-aħħar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn il-kontendenti fuq il-meritu tal-kawża għax iċ-ċertezza tad-dritt tesiġi illi sentenzi li jgħaddu in ġudikat ikunu aċċettati mill-kontendenti u jorbtuhom finalment* - pro veritate habetur.

*L-uniku rimedju straordinarju li l-liġi ta' proċedura tikkontempla għar-reviżjoni ta' sentenzi li għaddew in ġudikat huwa l-istatut ta' ritrattazzjoni li jippermetti s-smigħ mill-ġdid tal-kawża f'każijiet speċifiċi. Jekk tali rimedju mhux aċċessibbli fiċ-ċirkostanzi, ma jidher li hemm l-ebda mod kif is-sentenza li għaddiet in ġudikat tista' tiġi impunjata taħt il-liġi ordinarja. Tista' l-parti aggravata jkollha rimedji oħra għal-lanjanza tagħha li ma nghatatx smigħ xieraq, salv dejjem id-dispost ta' l-artikolu 204 (3) tal-Kap. 12.*

Il-Qorti:-

Din hi kawża inizjata bil-proċedura taċ-ċitazzjoni introdotta oriġinarjament quddiem din il-Qorti;

B'din iċ-ċitazzjoni l-attur hekk jippremetti:

"Peress illi wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża fl-ismijiet **John Mifsud *vs* Dr. Carmelo Buttigieg** u b'verbal ta' l-14 ta' Jannar, 1993 Martin Farrugia ġie kkjamat in kawża, l-attur ippreżenta appell minnha liema appell kien msejjaħ għas-smigħ għas-seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 1993;

Peress illi f'dik is-seduta mingħajr ebda forma ta' trattazzjoni l-Qorti ta' l-Appell kif presjeduta qabdet u għaddiet għas-sentenza mingħajr ma tat lill-attur l-possibilita` li jittratta u jesponi ulterjorment l-appell tiegħu u dan għax preċiż kif issejjaħ ingħatat is-sentenza;

Peress illi b'rikors ippreżentat fit-30 ta' Diċembru, 1993 l-attur irrileva dan lill-imsemmija Qorti iżda din b'digriet ta' l-20 ta' Ġunju, 1994 ċaħdet kull forma ta' rimedju;

Peress illi għalhekk is-sentenza ottenuta kontra l-attur nhar l-14 ta' Diċembru, 1993 hija nulla billi ma rrispettatx ir-regola ta' l-*audi alteram partem*";

L-attur allura talab li l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi li s-sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti fl-14 ta' Diċembru, 1993 fl-ismijiet **John Mifsud *vs* Dr. Carmelo Buttigieg** u b'verbal ta' l-14 ta' Jannar, 1993 (recte 14 ta' Ġunju, 1993) Martin Farrugia ġie kkjamat fil-kawża "hija irrita u nulla billi l-Qorti ma tatx il-possibilita` lill-attur biex jttratta l-kawża u dana bi ksur tar-regola ta' l-*audi alteram partem*. Bl-ispejjeż";

Il-konvenut John Mifsud hekk eċċepixxa:

"Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu *illi l-Qorti ta' l-Appell naqset mill-prinċipju ta' audi alteram partem*;

Illi dan il-prinċipju jfisser illi l-Qorti għandha tisma' lil kull parti u ma jirriżultax illi l-Qorti semgħet lill-parti u mhux oħra, għalhekk ma kienx hemm ksur ta' dan il-prinċipju;

Illi l-attur żgur ippreżenta l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu u

dan kien jikkontjeni r-raġuni ta' l-appell;

Illi fi kwalsiasi każ il-konvenut żgur m'għandux ibati l-ispejjeż ta' xi nuqqas, jekk dan kien hemm, da parti tal-Qorti";

Il-konvenut Dr. Carmelo Buttigieg hekk eċċepixxa:

"Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-Qorti kompetenti li tisma' l-kawża simili u jekk din l-azzjoni kif intentata teżisti, il-Qorti kompetenti kellha tkun l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha l-ġurisdizzjoni oriġinali u residwali fl-ordinament ġuridiku Malti;

Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-azzjoni intentata hija nulla u inammissibbli peress illi ma teżistix fis-sistema ġuridiku Malti peress li minn sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ma hemmx appell u jista' jkun hemm biss ritrattazzjoni jew possibilment attakk in via ta' kawża kostituzzjonali imma mhux din l-azzjoni *sui generis* li ittenta l-attur";

Din l-azzjoni hi manifestament insostenibbli fil-liġi. Dana anke jekk fil-meritu jista' ukoll ikollu raġun l-attur li din il-Qorti ma akkordatx l-opportunita` lill-kontendenti li jagħmlu sottomissjonijiet orali qabel ma għaddiet biex tippronunzja s-sentenza. L-attur infatti qed jittanta proċedura ġdida li l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jikkontemplax u ma jippermettix bħala rimedju kontra l-allegat difett fil-proċeduri quddiem Qorti ta' reviżjoni. Proċedura illi in sostanza hi mmirata biex jiġu riveduti l-proċeduri quddiem din il-Qorti u biex tiġi impunjata s-sentenza tagħha u li allura mhi xejn ħlief forma ta' appell minn sentenza ta' din *il-Qorti. Dana meta l-*Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili espressament jipprovdi illi "ma hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti ta' l-

Appell" (artikolu 227). Sentenzi li għandhom ikunu l-aħħar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn il-kontendenti fuq il-meritu tal-kawża għax *iċ-ċertezza tad-dritt tesiġi illi sentenzi li jgħaddu in* ġudikat ikunu aċċettati mill-kontendenti u jorbtuhom finalment - *pro veritate habetur*;

L-uniku rimedju straordinarju li l-liġi ta' proċedura tikkontempla għar-reviżjoni ta' sentenzi li għaddew in ġudikat huwa l-istatut ta' *ritrattazzjoni li jippermetti* s-smigħ *mill-ġdid* tal-kawża f'każijiet speċifiċi. Jekk tali rimedju mhux aċċessibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma jidher li hemm l-ebda *mod kif sentenza li għaddiet in ġudikat tista' tiġi impunjata taħt* il-liġi ordinarja. Tista' pero`, il-parti aggravata, ikollha rimedji oħra għal-lanjanza tagħha li ma ngħatatx smigħ xieraq, salv dejjem *inter alia* dak li *jipprovdi s-subinċiż (3) ta'* l-*artikolu* 204 tal-Kap. 12 u dak il-konsiderazzjonijiet partikolari li jeħtieġ li jsiru fir-rigward tal-proċeduri quddiem Qorti ta' reviżjoni;

Il-kontendenti, fin-noti tagħhom irreferew għal diversi każijiet in sostenn tar-rispettivi teżijiet tagħhom;

Prattikament l-ebda waħda minn dawn is-sentenzi, li għalihom saret referenza, ma tattalja mal-fatti quddiem din il-*Qorti. Fil-parti l-kbira tagħhom jirreferu għal nuqqasijiet* proċedurali quddiem Qorti ta' prim'istanza jew tribunal li ġew iddikjarati mill-Qorti ta' l-Appell li huma ta' gravita` tali li *jinfiċċjaw* <u>dawk</u> il-proċeduri. *Il-Qorti ta' reviżjoni allura* annullat is-sentenza tat-tribunal inferjuri - kif għandha kull poter li tagħmel - u rrimettiet l-atti lura għall-kontinwazzjoni;

Huma invece pertinenti għall-meritu ta' din il-kawża s-segwenti każijiet:

**Salvina Vella** *et vs* **Mary mart John Bezzina** - deċiża

mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Ġunju, 1977:

"Espressament it-talba fiċ-ċitazzjoni promotriċi tal-preżenti ġudizzju hi diretta għal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' sentenza ta' din il-Qorti. Din hi t-talba u dan il-punt hu għalhekk assorbenti u jirrendi kull konsiderazzjoni oħra bla bżonn;

Diversi drabi ingħad minn din il-Qorti li r-rimedju f'każ simili u salv dejjem naturalment l-applikabilita` għall-fattispeċje partikolari - (apparti s'intendi fil-każijiet kongruwi d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni) hu dik ta' ritrattazzjoni. (Ara fost oħrajn **Leone Misrahi** ***vs*** **Rosaria Cassar** - Qorti Kostituzzjonali, 10 ta' Ġunju, 1966). Din l-azzjoni indefinittiva mhijiex ħlief sostitut spurju għal ritrattazzjoni";

"Il-proċedura ta' ritrattazzjoni għall-annullament ta' diviżjoni in bażi għall-allegata vjolazzjoni ta' prinċipju ta' ġustizzja naturali, ma tistax tiġi applikata għas-sentenzi tal-Qorti ordinarja li għall-impunjazzjoni tagħhom il-liġi tikkontempla rimedji oħra bi proċeduri oħra" (**Misrahi** ***vs*** **Cassar** ġa` ċċitata);

"Jibqa' li l-Qorti ma ssib xejn fil-liġi li jista' talvolta jissorreġġi l-assunt li fuqu fil-fatt jidher li aġixxa l-attur li hi proċedura simili (ċitazzjoni) tista' fil-każ tiġi adita direttament din il-Qorti ta' l-Appell" (**Aġent Segretarju tal-*War Damage Commission*** ***vs*** **Perit Arkitett Joseph Barbara** - deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru, 1977);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-proċediment irritu u null bl-ispejjeż kontra l-attur.